ċkejkna" (p32).

F'kull storja għandek issib xi tixbiha, iva. Jasmine, fir-realta', kienet tifla li kont ngħallem b'xejn, u kelli relazzjoni sana u tajba ħafna mal-membri kollha tal-familja Musulmana tagħha. Kienu familja mis-Sirja u kont ngħinhom finanzjarjament u spiritwalwment. Kont waqt separazzjoni. It-tifla kienet nebbħitni nikteb Il-Kalċi qiegħed ifur – ktieb ta' poeżiji li jittratta kif id-dinja tinsab fix-xifer tat-telfien. Hemm baħar jaqsam bejn Jasmine li kont naf u Jasmina li n-narratur kien iffissat fuqha f'Il-Kalċi qiegħed ifur.

6. Nibdel ftit dwar l-istil għalissa: Semmejna l-familja, u inti fil-kitbiet tiegħek donnu għandek il-prinċipju ta' kif relazzjoni tinżamm b'saħħitha. Fil-poeżija "Dgħajsa tal-karti" mill-Ġabra ta' Poeżiji "Il-Kalċi qiegħed ifur" naraw deskrizzjonijiet kemmxejn qawwija, karatterizzati mill-kefrija tal-missier li jissimbolizzaw bl-aktar mod qawwi t-tkissir tal-familja li tilfet il-valuri. Hawnhekk lit-tfajla jgħidilha "Ninħasdu bid-dell iswed ta' missierek" (, p.51). Mhux komplitu tal-awtur li jwassal il-valuri imma dak li jwassal biex ikun hemm relazzjoni b'saħħitha, kif jirrifletti ruħu fil-kitba tiegħek.

Dun Karm kien jara lil Malta bħala omm, u kien jagħti importanza lill-familja bħala s-sies ta' soċjeta' sana. Alla kien iċ-ċentru fil-versi tal-qassis. Jien ħarist lejn Malta (u d-dinja) li bidlet il-kunċett tal-familja u saret bħal missier f'relazzjoni perversa ma' tifla (mingħar omm) f'dinja li mhux biss tilfet il-Kristjaneżmu imma hi satanika u mmexxija mis-satanisti.

Mhux faċli tikteb fuq narratur pedoflu fl-ewwel persuna. Il-Kalċi ma ġiex short-listed għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għax kien fih is-sentimentaliżmu. Jien, madankollu, kelli narratur sentimentalist bi skop preċiż għax meta nidħol għal xi proġett daqstant diffiċli nippjana sewwa: ridt innewwel ingassa lin-narratur biex jitgħallaq biha mingħajr ma nidher jien li qed niġġudika (jien: il-poeta-ħallieq li assolutament mhuwiex kompliċi man-narratur).

7. Meta ktibt dwar il-ġabra poetika "Il-kalċi qiegħed ifur" fil-Paġna letterarja ta nhar il-Ħadd 29 ta' Lulju 2018, jiena kont ktibt hekk:

"Il-poeżija ta' Scicluna hija bħal warda ġdida fil-poeżija kontemporanja u tinfatam minn temi progressivi u liberali li ddominaw dan l-aħħar snin u għaldaqstant tiftaħ beraħ kurrent ieħor ta' ħsieb. Jidhirli li l-ħsieb tal-poeta jimxi mal-liġi naturali u jixxennaq għall-qafas soċjali li jikkonserva l-valuri tradizzjonali. Madankollu f'dawn il-poeżiji wieħed ser jistenna wkoll il-protesta u protesta ħarxa kontra kull min jitbiegħed minn dawn il-valuri u juża l-liċenzja artistika tiegħu li jfisser dan l-għadab tiegħu (u frustrazzjoni fl-istess ħin) bl-aktar mod qawwi."

Ma naqbilx ma' kritiċi letterarji li jemmnu li f'Malta hawn biss erba' awturi bis-sinsla, li jafu jidgħu, u l-awturi l-oħrajn huma kollha passivi u reqdin. U ma jissemma ħadd għajr dawn l-erba' ismijiet fil-proża u l-erba' ismijiet fil-poeżija. Hawn ħafna awturi u poeti validi għaċ-ċokon tal-pajjiż. Biex tipprovoka u tkun provokattiv m'hemmx għalfejn tkun ardit, pastaż u ħamallu. Imma llum qed ngħixu fi żmien fejn it-tajjeb sar ħażin u l-ħażin sar tajjeb – anki fil-kitba letterarja qed jirrifletti dan. Fi żmienna, awtur li joffri kitba non-letterarja, vojta, ħamalla u pastaża sar validu u bis-sinsla. B'Il-Kalċi qiegħed ifur, l-Ambjent li qeridna u Min jogħdos bla maskra wrejt li jien kontra l-hekk imsejjaħ progress u l-liberaliżmu li, fil-ħaqq u s-sewwa, wassal id-dinja fix-xifer. Iċ-ċelebrazzjoni tal-kultura tal-mewt, fi kliem ieħor. Malta kienet sewwa meta konna nsara. U dan bil-provi. Binti ta' sittax-il sena tixxennaq għad-dinja ta' nannietha – bir-raġun kollu. Id-dinja tkun sewwa meta Alla (mhux Satana u s-satanisti) jkunu fiċ-ċentru. Aħna għażilna l-ħażin u l-kbir għadu ġej għad-dinja.




8. Ġaladarba semmejna l-poeżija ma nistgħux ngħidu li inti kellek numru ta' suċċessi fejn tidħol poeżija. Ngħidu aħna inti rbaħt l-ewwel premju tal-Konkors tal-Poeżija Doreen Micallef 2021 b'Submersi Filii, miktuba bil-vers projettiv; fi kliem il-ġurija li għażluha, miktuba b'lingwaġġ ċar, personali u dirett.

Kont irbaħt ukoll l-ewwel premju mill-AŻ/KNK b'Ossessjoni. Dan kien rumanz disturbanti fuq tifla li mhijiex komuni u ordinarja u li għandha l-ħażen tagħha kaġun l-abbuż sesswali li soffriet minn missierha; il-pedofelija; il-pedoflu bħala uman ukoll ta' min jitħassru u mhux jaqflu u jarmi ċ-ċavetta kif nisimgħu ta' spiss; u l-bullying fl-iskola minn għalliema fuq it-tfal (fix-xandir nisimgħu b'bullying mit-tfal fuq l-għalliema li hu reali wkoll). Ippruvajt nittratta l-pedofelija b'mod li l-awturi ta' qabli u ta' żmieni m'għamluhx. Imma, nerġa' ngħid, kemm irnexxejt il-kritiċi serji, kompetenti u onesti jistgħu jgħidu; huma jafu x'ħareġ min dan il-ktieb. Jien irbaħt ukoll il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb bit-tieni antoloġija ta' versi tiegħi, l-Ambjent li qeridna.

9. Ktieb li għadu ħiereġ huwa dak ta' poeżiji "Min Jogħdos bla Maskra". Dan il-ktieb ġie f'idejja u mal-ewwel daqqa t'għajn u qari ta' ftit poeżiji minnu, nista' nwegħdek minn issa li dwar dan il-ktieb se nkun qed nikteb fil-ġimgħat li ġejjin. "Min Jogħdos bla Maskra" hija tixbiha li tindika ħafna mill-aspetti li inti tistħarreġ f'din il-ġabra?

Għażilt propju din il-metafora għax miftuħa għal bosta interpretazzjonijiet.

Qabel iddeċidejt li nsemmi dan il-ktieb kif semmejtu staqsejt numru ta' ħbieb tiegħi x'jifhmu b'din il-frażi u bqajt skantat kemm ħarġu xorti.